Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,454, 4 ta' Awwissu, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIX tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kap. 492, u biex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, u fl-Att dwar Trusts u Trustees, Kap. 331.

ACT No. XXXIX of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Voluntary Organisations Act, Cap. 492, and to make consequential amendments to the Second Schedule of the Civil Code, Cap. 16, and the Trusts and Trustees Act, Cap. 331.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

4 ta' Awwissu, 2020

ATT Nru XXXIX tal-2020

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kap. 492, u biex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, u fl-Att dwar Trusts u Trustees, Kap. 331.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u Liġijiet oħra. Titolu fil-qosor.

Taqsima I
Emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kap. 492.

3. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, it-tifsira "il-Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-organizzazzjonijiet volontarji;".

4. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem

Verżjoni Elettronika

"ta' xi persuna oħra.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' xi persuna oħra:"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-amministraturi għandhom jiġu vestiti unikament bi rwol amministrattiv wieħed u ma għandhomx jeżerċitaw il-kariga ta' President, Viċi President, Teżorier u Segretarju fl-istess ħin.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "biex jirregola u jsostni lill-voluntieri.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "biex jirregola u jsostni lill-voluntieri:";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Kummissarju għandu jiltaqa' jew jikkomunika mal-membri jew l-amministraturi tal-organizzazzjoni, jew dawk li jippretendu li huma membri jew amministraturi tal-istess organizzazzjoni, mill-aktar fis possibbli, fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni tkun xi tkun, u fejn il-Kummissarju jkun eżawrixxa mingħajr suċċess kull mezz possibbli ta' komunikazzjoni mal-imsemmija membri jew amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja, hu jista' jippubblika din l-informazzjoni f'gazzetta waħda lokali, jew permezz ta' notifika fis-sit uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji, jew fil-Gazzetta, skont kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) u minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Kummissarju għandu jirrifjuta amministratur jew organizzazzjoni volontarja abbażi ta' informazzjoni kunfidenzjali żvelata minn awtoritajiet kompetenti, jekk il-Kummissarju jkun sodisfatt li dak ir-rifjut ikun ġustifikat.".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali, il-kliem "sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sa mhux aktar tard minn tnax-il (12) ġimgħa".

Verżjoni Elettronika

7. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kelma "jew" għandha tiġi mħassra;

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "ma tibqax hekk iskritta," għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "ma tibqax hekk iskritta; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) minkejja li tkun soġġetta għall-iskrizzjoni mandatorja ma jkollhiex skop soċjali,".

8. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali, il-kliem "bil-kunsens preliminari tas-sottokumitat tal-Kunsill stabbilit skont it-termini tal-artikolu 35(13) u" għandhom jiġu mħassra. Emenda tal-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali.

9. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 12D tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12D tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kelma "jew" għandha tiġi mħassra;

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "taħt l-Att," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-Att; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) minkejja li jkunu soġġetti għall-iskrizzjoni mandatorja ma jkollhomx skop soċjali,".

10. L-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 19(2)," għandhom jiġu mħassra;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kif hawn qabel imsemmi," għandhom jiżdiedu l-kliem "fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta jiġu mitluba li jagħmlu dan,"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu għandhom

Verżjoni Elettronika

jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(10) Salv id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9), il-Kummissarju huwa intitolat li jakkwista kwalunkwe informazzjoni minn entitajiet jew awtoritajiet oħra li jkunu jinkludu, iżda mhux limitati, għar-Reġistru għal Persuni Ġuridiċi, is-Servizzi tas-Sigurtà ta' Malta, Jobsplus, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Qrati tal-Ġustizzja, u wkoll sabiex jiżvela kwalunkwe informazzjoni lill-istess entitajiet jew awtoritajiet oħra:

Iżda din l-informazzjoni tista' tinkludi kull informazzjoni oħra mir-Reġistratur tal-Qrati u, jew mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jew tal-Avukat tal-Istat rispettivament, li jkollha x'taqsam ma' xi proċeduri kriminali jew ċivili pendenti, b'referenza partikolari għal kwalunkwe informazzjoni li tikkonċerna s-sekwestru, l-iffriżar, il-konfiska u l-qbid tal-assi:

Iżda wkoll kull informazzjoni privileġġata li tkun inkisbet mill-Kummissarju abbażi ta' dik it-talba, għandha tintuża esklussivament għall-finijiet tas-setgħat li hu għandu skont dan l-artikolu u ma għandhiex tkun disponibbli għall-pubbliku.

(11) Il-Kummissarju jista' wkoll jitlob lil kwalunkwe membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja, jew lil dawk li jkunu jippretendu jew jallegaw li huma membri jew amministraturi tal-organizzazzjoni volontarja kkonċernata, biex jissottomettu ċertifikat ta' kondotta maħruġ skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, u jista' jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' iskrizzjoni jew jirtira kwalunkwe ċertifikat ta' iskrizzjoni lil dak il-membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja, li jonqos milli jissottometti dak iċ-ċertifikat ta' kondotta.

Kap. 77.

Verżjoni Elettronika

(12) Salv id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Kummissarju jista', fil-kors tal-investigazzjonijiet tiegħu, jitlob reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali ta' kwalunkwe membru jew amministratur tal-organizzazzjoni volontarja. Il-Kummissarju jista' jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' iskrizzjoni, jew jirtira kwalunkwe ċertifikat ta' iskrizzjoni, jekk il-persuna li għaliha jirreferi r-reġistru tal-kundanni kriminali tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha kif mitlub skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.". Kap. 77.

11. L-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

(a) fit-tielet proviso tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (13) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(14) It-terminu tal-kariga tal-Kunsill għandu jkun ta' tliet (3) snin u l-istess Kunsill jista' jkun eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.".

12. Fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (h) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "arranġament teknoloġiku innovattiv" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; u". Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali. Kap. 591.

Taqsima II
Emendi għall-Kodiċi Ċivili

13. Din it-Taqsima temenda t-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "it-Tieni Skeda". Emendi għall-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

14. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 1 tat-Tieni Skeda għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 1 tat-Tieni Skeda.

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "fis-subparagrafu (1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-paragrafu (a)(i)"; u l-kliem "sew jekk għall-benefiċċju privat u anke jekk le, f'liema każ issir referenza għaliha bħala "organizzazzjoni għall-benefiċċju privat"." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'liema

Verżjoni Elettronika

każ issir referenza għaliha bħala "organizzazzjoni għall-benefiċċju privat"; jew"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) tippromwovi kwalunkwe skop leġittimu, f'liema każ issir referenza għaliha bħala "organizzazzjoni għal interess privat".".

Emenda tal-artikolu 10 tat-Tieni Skeda.

15. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 10 tat-Tieni Skeda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "mhix diġà regolata" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhix regolata";

(b) il-kliem "għandu japplika s-segwenti:" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom japplikaw ir-regoli segwenti, kemm-il darba l-organizzazzjoni ġuridika ma tagħżilx li l-kontijiet ikunu mħejjijin, preparati, riveduti u ppublikati għal kull perjodu finanzjarju skont il-prinċipji u l-prattiċi ġenerali aċċettati dwar il-kontijiet kif imfisser fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, jew soġġetti għal parir ta' accountant pubbliku ċċertifikat u awditur, b'xi prinċipji u prattiċi oħrajn, kif jista' jiġi magħżul minn żmien għal żmien mill-amministraturi:";

Kap. 281.

(ċ) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, il-kliem "fil-każ ta' organizzazzjonijiet li jippromwovu xi forma ta' benefiċċju privat" għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(ii) fil-każ ta' fondazzjonijiet ta' interess privat:";

(d) il-paragrafu B tas-subparagrafu (ii) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"B. fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 31Ċ, kull linji gwida kif jistgħu jinħarġu, minn żmien għal żmien mill-awtoritajiet kompetenti, li jkollhom x'jaqsmu mat-*trusts* u *trustees*";

(e) fil-paragrafu Ċ tas-subparagrafu (ii) tiegħu:

(i) il-kliem "li jippromwovu forma ta' benefiċċju pubbliku," għandhom jiġu mħassra; u

Verżjoni Elettronika

(ii) il-kliem "għandhom japplikaw ukoll is-subparagrafi A u B" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu japplika wkoll il-paragrafu A"; u

(f) il-paragrafu D tas-subparagrafu (ii) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"D. f'kull każ ta' assoċjazzjonijiet oħra fejn il-membri ma jkunux kollha kumpaniji b'responsabbiltà limitata, is-subartikoli (1) u (2) u kwalunkwe regolamenti rilevanti għandhom japplikaw u, fin-nuqqas ta' regolamenti speċifiċi, ir-regoli tal-*accounting* u l-konvenzjonijiet relatati mas-sħubija ċivili għandhom japplikaw."; u

(g) il-proviso tas-subparagrafu (ii) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 20 tat-Tieni Skeda.

16. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 20 tat-Tieni Skeda, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "biss għal għanijiet ta' benefiċċju pubbliku u, jew benefiċjarji ta' interess pubbliku;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "esklussivament għal benefiċċju pubbliku fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt, jew skop leġittimu ieħor li jkun jeskludi l-interess privat u jistgħu jinkludu benefiċjarji ta' interess pubbliku;"; u

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat, għal għanijiet privati li jinkludu kull għan kummerċjali, amministrattiv, ta' sigurtà jew tranżazzjonali, inkluż għanijiet anċillari għalihom, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-artikolu 31B ta' din l-Iskeda.".

Emenda tal-artikolu 29 tat-Tieni Skeda.

17. Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 29 tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat".

Emenda tal-artikolu 31 tat-Tieni Skeda.

18. L-artikolu 31 tat-Tieni Skeda, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat"; u

(b) fis-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "fondazzjoni

Verżjoni Elettronika

privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat".

Emenda tal-artikolu 31A tat-Tieni Skeda.

19. Is-subartikolu (d) tal-artikolu 31A tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat".

Emenda tal-artikolu 31B tat-Tieni Skeda.

20. L-artikolu 31B tat-Tieni Skeda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "Fondazzjonijiet privati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fondazzjonijiet ta' interess privat";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Il-fondazzjonijiet privati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-fondazzjonijiet ta' interess privat"; u fil-paragrafu minnufih wara il-proviso tal-paragrafu (b) tiegħu:

(i) il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat";

(ii) il-kliem "li la tikkwalifika bħala" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għall-fini ta' dan l-artikolu, fondazzjoni privata tfisser fondazzjoni li la tikkwalifika bħala"; u

(iii) il-kliem "għal skop leġittimu kif imfisser skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal skop leġittimu u kull referenza għal fondazzjoni skont dan l-artikolu għandha tinftiehem bħala referenza għal fondazzjoni ta' interess privat.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "fondazzjoni privata:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat:"

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) il-kliem "fondazzjoni privata:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat:"; u

(ii) fil-paragrafu (d), minnufih wara l-kliem "arranġament teknoloġiku innovattiv" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta;";

Kap. 591.

Verżjoni Elettronika

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (e), il-kelma "jew" għandha tiġi mħassra;

(ii) il-paragrafu (f) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g); u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (e) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) biex toħroġ tokens u twettaq kwalunkwe attività tan-negozju li tirriżulta minn tali fondazzjonijiet li huma l-proprjetarji, li jamministraw jew joperaw xort'oħra arranġament teknoloġiku innovattiv, kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; jew". Kap. 591.

21. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 32A tat-Tieni Skeda, minnufih wara l-kliem "arranġament teknoloġiku innovattiv" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta". Emenda tal-artikolu 32A tat-Tieni Skeda. Kap. 591.

22. Fis-subartikolu (21) tal-artikolu 33 tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat". Emenda tal-artikolu 33 tat-Tieni Skeda.

23. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 38 tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat". Emenda tal-artikolu 38 tat-Tieni Skeda.

24. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 62 tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat". Emenda tal-artikolu 62 tat-Tieni Skeda.

25. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 64 tat-Tieni Skeda, il-kliem "fondazzjoni privata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta' interess privat". Emenda tal-artikolu 64 tat-Tieni Skeda.

26. L-artikolu 69 tat-Tieni Skeda għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 69 tat-Tieni Skeda.

(i) il-kliem "tal-Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji", kull fejn jirrikorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Att XXXVI tal-2018"; u

(ii) il-kliem "tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Att XXXVI tal-2018".

Verżjoni Elettronika

Taqsima III
Emendi għall-Att dwar Trusts u Trustees

Emendi għall-Att dwar Trusts u Trustees. Kap. 331.

27. Din il-Parti temenda l-Att dwar Trusts u Trustees u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Trusts u Trustees, hawn aktar ’il quddiem f’din il-Parti msejħa bħala "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

28. Is-subartikolu (12) tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "fondazzjoni privata," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fondazzjoni ta’ interess privat,"; u

(b) fl-aħħar paragrafu tiegħu l-kliem " "fondazzjoni privata" "għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem " "fondazzjoni ta’ interess privat" ".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 366 tad-29 ta’ Lulju, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati